MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru. 425/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Keith Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Keith Falzon**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Desmond u Pauline neé Calleja, imwieled Swieqi fit-28 ta' Ottubru 1977, residenti 21, Pet, Fuq il-Gonna, Swieqi, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 543677(M) akkuzat talli:

nhar is-16 ta' Mejju 2015 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta,

offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta’ persuni ta’ taht l-eta’ u dan bi ksur tal-Artiklu 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

nhar is-16 ta’ Mejju 2015, ghall-habta tas-7.30 ta’ filghaxija, f’Ta’ Qali u f’dawn il-Gzejjer, ingurja jew ihedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé lil WPS 252 Chantal Bartolo waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, hebb ghal WPS 252 Chantal Bartolo, bhala ufficjal pubbliku, u kkagunalha offiza ta’ natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr. Josef Mifsud MD tal-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé lil WPS 252 Chantal Bartolo u lil PC 924 Peter Mifsud filwaqt li agixxa ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn WPS 252 Chantal Bartolo u PC 924 Peter Mifsud persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu dmirijiet taghhom jew b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel b’ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal erba’ snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D, fit-29 ta’ Settembru 2013;

fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "G" – *a fol.* 22).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 3 *et seq.*), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "C" – *a fol.* 14 *et seq.*), il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkommetta r-reati addebitati lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.[1]

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 95, 96, 208A, 221(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Keith Falzon hati tal-imputazzjonijiet

---

[1] Din is-sentenza kienet dik moghtija f'Settembru 2013 fejn l-imputat gie kkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija li gew sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef u hames mitt Euro (€4500.00), iggib fis-sehh is-sentenza ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li kienet giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin u tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' tnejn u erbghin (42) xahar prigunerija.

B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' tlitt (3) snin millum u dana bil-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment ma' din is-sentenza. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal *Probation Services*.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-htigijiet ta' l-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta' Dok. "SB 2" u "SB 3" ezebiti fis-seduta tallum b'dan illi l-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok. "SB 2" u tal-SD Card li tifforma parti minn Dok. "SB 3" (u dana taht il-harsien tar-Registratur) u tordna wkoll li jigi kancellat kwalunkwe materjal li jinsab fil-*camera* li tinsab f'Dok. "SB 3".

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti fil-proceduri *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Finalment, il-Qorti, wara li rat Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex, meta din is-sentenza ssir definittiva, l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------